

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Talba Għall-ħlas Tad-danni Mingħand Min Ikun Wettaq Ir-reat](#) > [Netherlands](#)

Talba għall-ħlas tad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat

Il-kontenut ipprovdut minn Olanda

Olanda

Kif nista' nagħmel talba għal ħsarat jew mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon minn awtur tar-reat fi proċess (proċedimenti kriminali), u lil min għandi nindirizza din il-pretensjoni?

Tista' ssir talba għal kumpens fi proċedimenti kriminali. Jekk tixtieq titlob kumpens mis-suspettat f'każ kriminali, tista' timla l-formolarju għat-[Talba għall-kumpens](#) (*Verzoek tot schadevergoeding*). Informazzjoni u pariri dwar kif timla l-formolarju jinsabu fis-sit web ta' [Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#) (*Slachtofferhulp Nederland*). Is-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands jista' jgħinek tispeċifika t-telf jew id-dannu.

Huwa wkoll possibbli li jintalab kumpens mingħand it-trażgressur fi proċedimenti ċivili. Tali proċedimenti normalment jinbdeu biss meta jkun impossibbli li jinkiseb kumpens b'modi oħra.

F'liema punt fil-proċedimenti kriminali għandi nippreżenta talba?

Jekk il-prosekutur pubbliku jiddeċiedi li jibda proċedimenti kriminali kontra l-persuna suspettata, ikun hemm proċess kriminali. Int se tintbagħat l-formolarju tal-[Applikazzjoni għall-Kumpens](#) bil-posta. Is-Servizz għall-Prosekuzzjoni Pubblika jistaqsik biex tirritorna l-formolarju kkompetat fi żmien 14-il jum. Jekk ma tistax tirritorna l-formolarju fi żmien 14-il jum, jenħtieġ li tikkuntattja [l-Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Vittmi](#) (*Slachtofferloket*) biex titlob estenzjoni.

Informazzjoni u pariri dwar dan is-suġġett jistgħu jinkisbu fuq is-sit web tal-[Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#).

X'nista' nitlob fit-talba u kif għandi nippreżentaha (nindika ammont totali u/jew nispeċifika t-telf individwali, il-profitti mitlufa u l-imgħax)?

Int għandek tispeċifika t-telf li int soffrejt fuq il-formolarju tal-[Applikazzjoni għall-kumpens](#). It-telf materjali, jiġifieri t-telf li jista' jiġi espress f'termini finanzjarji, għandu jiddaħħal fil-mistoqsija 4a tal-formola. Jekk tbat i wkoll minn ilmenti psikoloġiċi u/jew fiżiċi, tista' titlob kumpens għal danni mhux materjali kkawżati mill-uġiġħ u t-tbatija wara l-inċident. Tali dannu mhux materjali għandha tiġi rrapportata fil-mistoqsija 4b. Fil-mistoqsija 4c tal-formolarju għandek tirrapporta dannu emozzjonali. Dan jirreferi għall-uġiġħ, għan-niket u għat-telf ta' kumdità mġarrba minn persuna meta individwu viċin tagħha jkun miet jew korra. F'xi każijiet, l-eqreb qarib ta' vittma li mietet jew qarib ta' vittma li jsofri dannu serju u permanenti jista' jikseb kumpens għal dannu emozzjonali.

Aktar informazzjoni dwar kif timla l-formolarju tista' tinsab fis-[sit web](#) ta' [Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#) (*Slachtofferhulp Nederland*). Is-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands jista' jgħinek tispeċifika t-telf jew id-dannu.

Jekk ma tkunx il-vittma inti stess, iżda tkun ġarrabt l-ispejjeż għall-vittma (pereżempju spejjeż tal-ivvjaġġar,

spejjeż mediċi jew fattura għal tiswijiet), tista' wkoll tuża l-formolarju biex tiddikjara dawn l-ispejjeż. F'dak il-każ, jenħtiegħ li dan "id-dannu spostat" ma jkunx iddikjarat fuq il-formularju ta' applikazzjoni tal-vittma; minflok int għandek titlob formolarju mill-[Uffiċċju lokali ta' Appoġġ għall-Vittmi](#).

Hemm formola speċifika għal talbiet bħal dawn?

Jekk tixtieq titlob kumpens mis-suspettat f'każ kriminali, tista' timla l-formolarju għat-[Talba għall-kumpens](#). Aktar informazzjoni dwar kif timla l-formolarju tista' tinsab fis-sit web ta' [Victim Support Netherlands](#) (Slachtofferhulp Nederland).

Liema evidenza rrid nippreżenta biex insostni t-talba tiegħi?

Informazzjoni u pariri dwar dan is-suġġett jistgħu jinkisbu fuq is-sit web tal-[Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#).

Hemm xi tariffi tal-qrati jew spejjeż oħra relatati mat-talba tiegħi?

L-informazzjoni dwar it-tariffi tal-qorti u spejjeż oħra tista' tinsab fuq is-sit web tas-[Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#).

Nista' nikseb għajjnuna legali qabel u/jew waqt il-proċedimenti? Nista' nirċiviha anke jekk ma nkunx qed ngħix fil-pajjiż fejn iseħħu l-proċedimenti?

L-informazzjoni dwar l-għajjnuna legali qabel u/jew matul il-proċedimenti tista' tinsab fuq is-sit web tas-[Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#).

Meta tista' l-qorti kriminali tiċċad jew tirrifjuta li taġġudika t-talba tiegħi kontra t-trażgressur?

Informazzjoni u pariri dwar dan is-suġġett jistgħu jinkisbu fuq is-sit web tal-[Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#).

Nista' nappella kontra din id-deċiżjoni jew infittex mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon?

Iva, int tista' tappella mit-tali deċiżjoni.

Jekk ningħata kumpens għall-ħsarat mill-qorti, kif nista' niżgura li s-sentenza tiġi infurzata kontra l-awtur tar-reat u x'għajjnuna nista' nikseb biex niżgura dan?

L-infurzar tas-sentenza jibda minn meta l-kundanna kontra t-trażgressur tkun waħda finali. Jekk it-trażgressur ikun mitlub li jħallas kumpens, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika jordna lill-Aġenzija Ċentrali Ġudizzjarja għall-Ġbir ta' Flus ([AĊĠĠH](#)) biex tiġbor il-kumpens f'ismek. Jekk it-trażgressur ikun għadu ma jħallasx l-ammont dovut tmien xhur wara d-deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku jew tal-qorti, il-gvern jista' jħallaslek parti mill-kumpens fil-forma ta' avvanz. L-AĊĠĠH għandu jiktiblek dwar dan. Jekk għandek xi domandi dwar ir-riċeviment ta' avvanz, ikkuntattja lis-[Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fin-Netherlands](#).

■ L-aħħar aġġornament: 26/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.